*-kontro-talba – ġenesi tal-istitut*
*-xi tfisser li tkun "konnessa"*
*-mhux meħtieġ li tiġi mill-istess kuntratt, titlu, jew fatt*

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rik. Ġur. 780/2011 GM**

**Antoinette Debono**
**(K.I. 1021246M)**

**vs**

**Mario Vella**
**(K.I. 716454M)**

**Seduta tat-30 ta' Mejju 2019**

Rat l-atti tal-kawża;

**EĊĊEZZJONI TAN-NULLITA` TAL-KONTROTALBA**

Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi għall-kontro-talba tal-konvenut, li permezz tagħha qed issostni li din hija nulla billi ma tissodisfax il-presupposti mposti mill-Artiklu 396 tal-Kap 12;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti;

**Ikkunsidrat:**

**It-talba u l-kontrotalba:**

Illi mart il-konvenut mietet fil-05.04.2010. Kienet tiġi oħt l-attriċi. Permezz tat-testment tagħha, ħalliet ħalliet lil żewġha uniku werriet u lill-attriċi legatarja ta' €11,000. Il-kontendenti joqgħodu fl-istess dar li tagħha huma komproprjetarji. L-attriċi qiegħdha titlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat; ir-radd lura ta' deheb u oġġetti prezzjużi proprjeta` tagħha li l-konvenut neħħa mill-istess dar jew kumpens għall-istess; il-likwidazzjoni ta' serviġi li rrendiet lill-konvenut. Il-konvenut, bil-kontro-talba, qiegħed jitlob likwidazzjoni ta' nofs il-ħlas tas-servizzi u kirjiet relattivi fid-dar fejn joqgħodu; kumpens għall-użu ta' *appliances* u għamara fl-istess dar; radd lura tal-*laptop* tal-mejta martu; ħlas ta' nofs l-ispejjeż ta' gallerija fl-istess dar;

Illi l-attriċi ssostni li l-kontrotalba mhix ibbażata fuq l-istess kuntratt, titlu, jew fatt imsemmi fit-talba attriċi; li ma kien hemm l-ebda talba ta' tpaċija fil-kontrotalba tal-konvenut u lanqas jista' jingħad b'xi mod li l-kontro-talba tista' ġġib fix-xejn l-azzjoni tal-attriċi jew timpedixxi l-effetti tagħha;

Illi min-naħa tiegħu, il-konvenut isostni li l-kontro-pretenzjoni tiegħu hi mnissla mill-istess "fatt", ċjoe` li hu u l-attriċi saru komproprjetarji tal-istess dar permezz tat-testment fuq imsemmi. It-talbiet rispettivi huma lkoll ibbażati fuq dan it-testment. Isostni li b'*konnessjoni* l-liġi ma tifhimx *dipendenza* tal-kontro-talba fuq it-talba prinċipali. Skop tal-leġislatur hu li tiġi evitata l-multiplikażżjoni tal-kawżi. It-talbiet tiegħu isarrfu f'somma bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal dik mitluba mill-attriċi għall-ħlas tal-legat. Fi kwalunkwe każ, wara l-emendi tal-1995, il-kontrotalba m'għandhiex tiġi ddikjarata nulla jekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi;

Illi l-attriċi rreplikat li l-fatt tal-komproprjeta` ma jsarrafx awtomatikament f'konnessjoni bejn it-talba u l-kontrotalba u lanqas isarraf fil-fatt, kuntratt jew titolu kkontemplati mil-liġi. Is-serviġi mitlubin mill-attriċi mhumiex marbutin mal-komproprjeta`, imma mal-persuna. Għalkemm iż-żewġ partijiet għandhom titlu mill-istess testment, it-talbiet tal-attur mhumiex relatati mat-testment.

**IT-TEST TAL-ART. 396 TAL-KODIĊI RITWALI**

Illi t-test tal-liġi rilevanti huwa l-Artiklu 396 tal-Kodiċi ritwali li jaqra hekk:

**“Fil-kawżi, l-konvenut jista’ jagħmel kontro-talba kontra l- attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:**

**“(*a*) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew**

**“(*b*) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b’kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha”;**

Illi għas-soluzzjoni ta’ din il-kwistjoni – ta’natura purament proċedurali - bejn il-partijiet – ikun utli li jiġi ttraċċjat l-fonti tal-istitut tar-rikonvenzjoni meta ġie mdaħħal fil-kodiċi tagħna u l-evoluzzjoni tiegħu tiegħu sussegwenti permezz ta’ interpretazzjoni ġurisprudenzjali. Eżerċizzju dan li sejjer isir sabiex jigu esposti l-veri karatteristici tal-istitut tar-rikonvenzjoni;

Illi qabel xejn tajjeb jiġi osservat li għalkemm saru interventi leġislattivi wara li dan l-istitut ġie kkodifikat, dawn kienu ta’ natura “kosmetika” li ħallew bla mittiefsa l-elementi essenzjali li jsawwru dan l-istitut;

## *RATIO* TAL-ISTITUT TAR-RIKONVENZJONI

Illi l-istitut tar-rikonvenzjoni mhux biss għandu l-iskop tal-ekonomija tal-ġudizzju, biex jiġi ffrankat it-tfaqqis bla bżonn tal-kaw\i, imma wkoll biex

tingħata difiża sħiħa lill-konvenut, billi mhux biss jingħata l-opportunita` li jilqa' għall-attakk partikolari li jogħgbu li jagħżel li jagħmel l-attur, imma wkoll li jagħmel kontro-attakk; b'mod li l-konvenut isir ukoll attur filwaqt l-attur isir ukoll konvenut. S'intendi **<u>jrid ikun hemm xi forma ta' konnessjoni</u>** bejn iz-żewġ azzjonijiet, għax inkella l-kaw\i jispiċċaw f'anarkija sħiħa ta' kontro-talbiet li ma jkollhomx x'jaqsmu xejn mat-talba ewlenija. Hekk huwa intuwittiv li Caju, imharrek minn Tizju għall-hlas ta' €100 in forza ta' kuntratt ta' self, ma jistax jagħmillu kontro-talba biex Tizju jirrilaxxjali immobbli li kien biegħlu.

L-imharrek fil-ġudizzju, meta la jkun jista' jiċħad kull bażi tal-pretenzjoni tal-attur, u l-anqas isib xi difett proċedurali, għandu żewġ toroq biex jiddefendi ruħu:

1. Iressaq fatt jew dritt li jxellef l-effett tad-dritt tal-attur, billi jeħles għal kollox jew in parti mill-kundanna; per ezempju jecepixxi l-kumpensazzjoni li tkun seħħet *ipso iure,* jew
2. Iressaq pretenzjoni hu stess, li tkun tista' ssir wkoll permezz ta' kawża separata, li ma tkunx bilfors immirata biex tiċħad il-pretenzjoni tal-attur (li tista' tigi ammessa jew michuda mill-konvenut), imma biex jikseb il-kundanna tal-attur li jiġi mibdul f'konvenut.

L-ewwel mezz huwa l-eċċezzjoni; it-tieni mezz huwa r-rikonvenzjoni.

L-eċċezzjoni m'hi xejn għajr l-esklużjoni tal-azzjoni: *exceptio dicta est quasi quaedam exclusio, quae opponi action cuiusque rei solet ad excludendum id*

*quod in intentionem condemnationem ve deductum est*[1].

Min-naħa l-oħra, ir-rikonvenzjoni "*non combatte necessariamente l'azione in se', ma e' un mezzo di difesa costituito dal rendere l'attore convenuto, promuovendo contro esso un'azione nello stesso giudizio*".[2]

Il-konvenut jista' jagħżel li jiddefendi ruħu permezz ta' sempliċi eċċezzjoni ta' mertu jew procedura, inkella jagħżel, mhux biss li jiddefendi ruħu, imma wkoll li jiprevalixxi ruħu mill-kawża gja miftuha kontrih biex huwa stess jiftaħ talba ġdida kontra l-attur, li tissejjaħ rikonvenzjoni, li hija differenti mill-eċċezzjoni, għax filwaqt li l-eċċezzjoni m'hi xejn għajr tweġiba għat-talba ewlenija, u tifforma, flimkien mal-azzjoni, kawża waħda – min-naħa l-oħra r-rikonvenzjoni tikkostitwixxi talba ġdida, azzjoni ġdida, li tagħti lok għal kawża ġdida, li hija logikament u legalment konnessa mal-ewwel waħda. Fir-rikonvenzjoni jkun hemm żewġ kawżi fi proċess wiehed – ***simultaneous proċessus*** - u li jinqatgħu b'sentenza waħda. Tant li ngħad mill-Qrati tagħna li "*Vi e' riconvenzione, semprecche' per eccezione ad una domanda principale, si opponga un altra domanda* ***egualmente principale"*** (Vol XI.78). Ingħad ukoll fl-istess sentenza li " *La riconvenzione dicesi eccezione non in senso stretto, ma in senso largo, inquantocche' il convenuto puo opporre in giudizio all'azione contro di lui proposta, non solo la eccezione, ma pure la riconvenzione; cioe' domanda quella che gli si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro di lui e nello stesso giudizio*". Tant hu hekk illi galadarba tkun istitwita r-rikonvenzjoni, din tieħu hajja

[1] L.2 D. de except. 44.1

[2] Giulio Pouchain, La Teoria e la Pratica Della Riconvenzione nel Diritto e nella Procedura Civile, 1888, pagni 6 u 7.

indipendenti minn dik tal-azzjoni ewlenija, b'mod li tkompli tgħix anke jekk l-attur jirtira l-azzjoni tiegħu, jew saħansitra jekk il-konvenut jammetti t-talba.

Fl-istorja tad-dritt, ir-rikonvenzjoni jew kontro-talba giet ammessa f'ambiti diversi ta' esperibilita'. Taht il-liġi Germaniża bikrija, jekk persuna tkun attur f'post partikolari, kulħadd seta' jagħmillu kontro-talba f'dak il-post. Taht il-liġi Kanonika, din il-fakulta' giet rizervata għall-konvenut biss, li seta' jagħmel kwalunkwe domanda kontra l-attur, anke jekk ma kienet bl-ebda mod konnessa mat-talba tal-attur. Min-naħa l-oħra, il-liġijiet viġenti jitolbu xi forma ta' konnessjoni.

Voet, lib.V, tit.I, n. 78, jgħid li *Reconventio est petitio, qua reus vicissim quid ab actore petit ex eadem vel diversa causa.* Il-kelma *rikonvenzjoni,* jgħid Touillier, t. 7, n. 348, not 1, ġejja mil-latin *convenire,* issejjaħ fil-kawża, *vocare in jus;* ġejja minn *convenire* li hija misluta mill-kelma *convention*, tressaq għall-kawża, *vocatio in jus.* Id-duplikattiv *riconvenire* għalhekk tfisser *interum convenire,*, u f'materja ta' kompensazzjoni *convenire vicissim apud eumdem judicem.* Hija, biex ngħidu hekk, ir-reazzjoni tal-konvenut kontra l-attur; hija kontro-kawża li l-konvenut jiftaħ kontra l-avversarju tiegħu.

Fi kliem iehor, il-konvenut jista' jiddefendi l-każ tiegħu billi jqanqal kwistjonijiet jew jallega fatti li jkabbru l-materja li tkun trid tigi deciza imma jhalluha fl-ambitu ta' rikjesta li l-pretenzjoni attrici tigi michuda; u jista' wkoll jopponiha permezz ta' istanza li fiha huwa seta' jkun attur fi proċess awtonomu. Mandrioli jiddefinixxi r-rikonvenzjoni bħala "*Azione che il convenuto esercita contro l'attore nel medesimo processo nel quale e' stato convenuto" (Dir.proc.civ. Torino*, 2002, I, 133).

DISTINZJONI BEJN EĊĊEZZJONI RIKONVENZJONALI U TALBA RIKONVENZJONALI

Wiehed irid joqgħod attent li ma jfixkilx it-talba rikonvenzjonali ma l-eċċezzjoni rikonvenzjonali. L-element komuni bejniethom "*e' dato dalla proposizione ad opera del convenuto nel medesimo proċesso gia` pendenti nei suoi confronti e spesso dalla natura pregiudiziale della questione che cosi' viene posta al giudicante* (**Denti, L'eccezione nel proċesso civile**,, in Riv.trim.dir. e proc. Civ, 1961, 37)". L-element differenti "*e' rappresentato dal fatto che con l'eccezione si tende soltanto a paralizzare l'azione dell'attore mentre con la domanda riconvenzionale si introduce nel giudizio una vera e propria domanda, in senso inverso.*" Għalkemm il-ġurisprudenza Taljana issostni din id-distinzjoni, hija tpoġġi l-eċċezzjoni rikonvenzjonali fl-ambitu tad-dixxiplina tal-eċċezzjonijiet *tout court*, u għalhekk fil-prattika tnaqqsilha hafna l-importanza prattika. Parti importanti tad-dottrina tosserva li sakemm il-kontestazzjoni tal-konvenut hija mmirata biex tipparalizza l-pretiza tal-attur tibqa' fil-kategorija tal-eċċezzjonijiet u li f'dan is-sens f'sitwazzjonijiet bħal dawn ma hemm xejn rikonvenzjonali; biex jinkiseb aċċertament ulterjuri u differenti tinħtieġ talba specifika u huwa biss f'każ bħal dan li wieħed jidħol fil-kamp tat-talba rikonvenzjonali (**Satta, Commentario al Dir. Proc. Civ**), in Encicl.del Dir. XIV, Milano, 1965, 208; **Vullo, La Domanda Riconvenzionale,** Milano, 1995,215ss).

**Pouchain**[3] jgħid li "*Scopo del processo civile moderno e' l'ottenere che in un*

---

[3] Pagna 122,op.cit

*giudizio sia determinato, per quanto e' possibile, il* ***rapporto giuridico fondamentale*** *sul quale e' sorta la contestazione*". **Pouchain**[4] jagħti din id-definizzjoni tar-rikonvenzjoni: "*L'azione riconvenzionale e' quella azione che il convenuto per sua difesa contrappone all'azione principale, allo scopo di far decider su entrambe dallo stesso giudice e nello stesso proċesso, in forza della identicita' o della connessione dei titoli su cui le azioni stesse si fondano*". Din id-definizzjoni, Pouchain jagħtiha minkejja li qiegħed jikkummenta fuq id-disposizzjoni tal-kodici Taljan tal-1865, simili għad-dispozizzjoni tal-kodici Taljan tal-1942, li l-konnessjoni tikkonsisti f'dipendenza fuq l-istess titolu. Din id-definizzjoni hekk wiesa hija konsistenti mal-bqija tad-dottrina, kif ukoll mal-ġurisprudenza Taljana sal-gurnata tallum. Hija identika mal-Kodici Franciz viġenti. L-effett ta' din l-interpretazzjoni wiesa – wiehed jista' sahansitra jazzarda jgħid li hija mgebbda – toqrob sew lejn il-posizzjoni fil-liġi Maltija kif sejjer jiġi spjegat.

## TLETT SPEĊI TA' RIKONVENZJONI

Pouchain jagħti tlett speċji ta' rikonvenzjoni fl-istorja tal-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza:

1. Ibbażata fuq l-istess titlu li fuqu l-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu;
2. Ibbażata fuq titlu differenti, imma li għandu bħala skop il-kompensazzjoni, jew huwa konness miegħu;
3. Ibbażata fuq titlu differenti, mingħajr l-ebda rapport la ta' kompensazzjoni u l-anqas ta' konnessjoni.

[4] Giulio Pouchain, op.cit. pagna 124

Pouchain jgħid li fid-dritt Taljan u Ġermaniż teżisti l-ewwel tip ta' rikonvenzjoni, iżda b'interpretazzjoni wiesa: "*La sola azione riconvenzionale ammessa e` quella fondata sul titolo stesso su cui si fonda la domanda dell'attore, o su titolo connesso. E' dunque ammessa solo la prima delle tre specie di azioni riconvenzionali che sopra ho accennato, allargandone pero il concetto,* ***e ponendo come principio della riconvenzione la connessione di causa.***"

Il-liġi Maltija tqarreb lejn it-tieni tip ta' rikonvenzjoni, li ċertament hija ferm usa mill-ewwel waħda, filwaqt li mhix miftuħa beraħ għal kollox bħalma huwa t-tielet tip ta' rikonvenzjoni;

**PROCEDIMENT PARTIKULARI**

Il-Kodici ritwali ta' Malta jpoġġi l-istitut tar-rikonvenzjoni f'Titlu VIII tal-Ewwel Parti tat-Tieni Ktieb, fis-subtitlu I (artikli 396-402). Titlu VIII jismu, "Fuq xi Proċeduri Speċjali", jew "Of Certain Special Proceedings" fil-verżjoni bl-Ingliż u fih apparti r-Rikonvenzjoni, hemm il-Jattanza, il-Konkors ta' talbiet, il-Werrieta Incerti, il-Kawżi tal-Gvern, id-Deroga tal-Fedekommess, u l-Istħarriġ Ġudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva. Il-Professur Caruana Galizia jsejhilhom "Abnormal Proceedings" pjuttost milli "Special Proceedings." Huwa jgħid li "Abnormal proceedings consist either in the application of the solemn or summary proceedings with some alterations, or in completely different proceedings." (Notes on Civil Procedure, page 1,454). Naturalment illum il-proceduri solenni gew aboliti.

Originarjament, fl-Ordinanza IV tal-1854, fit-test Taljan, Titlu VIII kien jaqra: "Di alcune Procedure Particolari" u bl-Ingliz "Of Certain **Particular** Proceedings". Dan it-titlu oriġinali kien iktar fidil lejn il-karattru veru tar-rikonvenzjoni, hekk kif konċepit mil-leġislatur innifsu.

Titlu VIII kien jaqa' taht Parte Prima tal-Libro Secondo li kien intitolat "Modi coi quali d'Ordinario si procede negli affari contenziosi."

**Il-fatt li r-rikonvenzjoni hija istitut proċedurali li jiddevja min-norma ma jfissirx li għandu jiġi interpretat strettament**. M'huwiex istitut bhar-ritrattazzjoni, li huwa eċċezzjoni għall-prinċipju tal-ġudikat; li jinġerixxi fuq il-finalita' u fuq il-verita' ġuridika tal-ġudizzji – prinċipju bażiku ta' ordni pubbliku li jesiġi li l-litigazzjonijiet iridu jispiċċaw xi darba għax dan ipoġġi fid-dubbju d-drittijiet tas-soġġetti tal-liġi; u allura huwa interpretat *ad litteram* anke llum fejn il-formaliżmu huwa skoraġġit, u b'interpretazzjoni strettissima. Invece dan huwa istitut li għalkemm anomalu, mhux eċċezzjonali, għax kull konvenut jista', jekk ikollu għalfejn, jiprevalixxi ruħu minnu. Kuntrarjament għal istitut bhar-ritrattazzjoni, ir-rikonvenzjoni timmira sabiex tnaqqas, u mhux iżżid, il-kawżi; u timmira wkoll li ssir ġustizzja ikbar billi tagħti lill-konvenut difiża iktar wiesa u sħiħa. Għalhekk, in-normi tal-istitut tar-rikonvenzjoni m'għandhomx jigu nterpretati b'mod dejjaq sabiex jeskludu l-kontro-talba.

**Għandhom jigu nterpretati skont l-iskop tal-leġislatur**[5], li huwa (i) l-

[5] Gustament in linea ta' prinċipju l-interpretazzjoni tal-liġi għandha ssalva u mhux tirrendi nullifikanti l-intenzjoni tal-leġislatur u allura dina l-interpretazzjoni gudizzjarja tal-fatti għandha tevita li ggib konsegwenzi in konflitt mal-istess spirtu tal-liġi - **Galea Charles v Di Donna Franca Pia 17.03.2003 QA(PS).**

ekonomija tal-ġudizzju u (ii) difiża iktar sħiħa u kompluta lill-konvenut, anke tenut kont tal-prinċipju tal-*equality of arms.* Kif mirabilment jimpustaha l-**Mandrioli**[6]:

> *Poiche, come si diceva al para. 23, il convenuto entra nel proċesso quando l'oggetto di questo e' gia` determinato dalla domanda dell'attore, e' logico che l'ambito di questa domanda costituisca un limite per il convenuto. Il quale, d'altra parte, e come pure si era notato, non e' affatto pregiudicato, da tale limite, nel suo diritto alla tutela giurisdizionale, poiche' nessuno gli impedisce di far valere le sue diverse domande in un altro diverso proċesso, in veste di attore. E pertanto, in linea di principio, l'ammissibilita' delle domande riconvenzionali dovrebbe essere esclusa in quanto evidente causa di sovrapposizione disordinata e caotica di diverse materie di giudizio in un unico processo. Il che, peraltro, non impedisce che queste ragioni di opportunita' si invertano nei casi in cui tra la domanda principale e quella riconvenzionale esiste un particolare rapporto che renda vantaggioso ed opportuno – per la c.d. economia dell'attivita' giudiziale – l'esame di entrambe le contrapposte domande in un unico processo.*

**PRESUPPOST ESSENZJALI HIJA L-KONNESSJONI BEJN TALBA U KONTRO-TALBA.**

[6] Crisanto Mandrioli, Diritto Proċessuale Civile, Vol I, Nozioni Introduttive e Disposizioni Generali, Domanda Riconvenzionale, para. 25, pagna 155

## III -A Il-konnessjoni fil-liġi Franciza kontemporanja

Element essenzjali tat-talba rikonvenzjonali hi li tkun "konnessa" mat-talba ewlenija. Tant illi fil-kodici ta' procedura Franciz viġenti, il-konnessjoni hija **l-uniku** element rikjest, kuntrarjament għal dak li nsibu f'legislazzjonijiet oħrajn. B'eleganza Franċiża, u b'ekonomija ta' kliem, huwa jgħid hekk:

"**Article 63:** Les demandes incidentes sont : la demande reconventionnelle, la demande additionnelle et l'intervention".

**Cadiet** u **Jeuland** jikkumentaw li l-**Kodiċi Franċiż** iqis ir-rikonvenzjoni bħala, appuntu, domanda u mhux bħala difiża; il-konvenut minflok jillimita ruħu biex jattakka l-validita` tat-talba tal-attur, joħroġ b'kontro-attakk; iżidu li hija ħasra li l-Qrati xi kultant iċajpru dak li tgħid il-liġi: "La jurisprudence, cependent, brouille parfois les pistes, ce qui est regrettable"[7]. Interessanti li l-**Kodiċi Franċiż jitkellem dwar "un lien suffisant" (konnessjoni suffiċjenti) u jieqaf hemm**, ħlief li jżid li fil-każ ta' kompensazzjoni lanqas hemm bżonn konnessjoni suffiċjenti:

"**Article 70:** Les demandes reconventionnelles ou additionnelles ne sont recevables que si elles se rattachent aux prétentions originaires par un lien suffisant.

"Toutefois, la demande en compensation est recevable même en l'absence d'un tel lien, sauf au juge à la disjoindre si elle risque de retarder à l'excès le jugement sur le tout".

---

[7] Loic Cadiet & Emmanuel Jeuland, Droit Judiciare prive 10th edition, 2017, para 450, page 382

Ttraduzzjoni għall-Ingliz:

Article 63 : The interlocutory claims are counterclaim, additional claim and intervention.[8]

Article 70 : **The counterclaims or additional claims will be admissible only if they are attached to the originating claims by a sufficient bond.**
However, a claim for set-off will be admissible even in the absence of such a bond save where the judge disjoins where it is likely to delay excessively the judgement of the whole case.[9]

**III -B. Konnessjoni ma tfissirx dipendenza.**

Imma x'jifhem wiehed b' "konnessjoni" ?

Il-Qrati tagħna enfasizzaw li konnessjoni ma tfissirx dipendenza:

Dwar it-tifsir tal-konnessjoni meħtieġa mal-azzjoni attrici biex tista' triegi l-kontro-talba, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ

[8] Art. 63. Les demandes incidentes sont : la demande reconventionnelle, la demande additionnelle et l'intervention.
[9] Art. 70. Les demandes reconventionnelles ou additionnelles ne sont recevables que si elles se rattachent aux prétentions originaires par un lien suffisant.

Toutefois, la demande en compensation est recevable même en l'absence d'un tel lien, sauf au juge à la disjoindre si elle risque de retarder à l'excès le jugement sur le tout.

azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Għalhekk, b'"konnessjoni" wieħed certament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha[10]. Iżda l-elementi li trid il-liġi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss.[11]

## III -C. Fonti tal-liġi Maltija hija Konswetudni Parigina tradotta b'mod impreciz.

Fl-ewwel lok, ikkomparat mal-Kodici ritwali Taljan tal-1865 (li gie ppromulgat għaxar snin wara dak Malti), il-Kodiċi tagħna jammetti konnessjoni mhux biss meta l-kontro-talba temani mill-istess "titolu" li minnu tinsilet it-talba tal-attur, imma wkoll meta din temani mill-istess kuntratt u mill-istess "fatt" – anke jekk din id-differenza hija iktar apparenti milli reali, minħabba l-interpretazzjoni ferm wiesa tal-kelma "titolu" fil-ġurisprudenza Taljan, kif sejjer jiġi spjegat iktar 'l isfel.

F'dan l-istadju huwa importanti li wieħed jistabilixxi imnejn ġab din it-triloġija (fatt, kuntratt, titlu) il-leġislatur Malti, fi żmien (1855) meta l-Kodici ritwali Taljan kien għad fadallu għaxar snin biex jara d-dawl tax-xemx (1865). Dak iż-żmien l-Italja kienet għadha ma ngħaqdietx fi stat wiehed u allura kellha diversi kodiċijiet ta' proċedura, uħud progressivi (ispirati mill-Kodici Franċiż specjalment wara l-invazjoni tal-Italja minn Napuljun) u

[10] Ara per ezempju, App. _iv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Sammy Meilaq noe vs Oral Attinel pro et**

[11] **Air Malta plc v Lawrence Borg 30.06.2004 PA [JRM]**

oħrajn le. F'dawn il-kodicijiet, minn riċerka li għamlet din il-Qorti mkien ma sabet din it-trilogija; l-anqas fil-kodici ta' Parma u tad-Due Sicilie li skont **Caruana Galizia** servew bħala fonti immedjat tal-Kodici Malti (għad trid issir riċerka biex jiġi stabbilit kemm fil-fatt dawn servew tabilħaqq ta' fonti għall-kodifikażzjoni Maltija).

Jonqos mela li wieħed imur lura għall-Kodici Franciz. Meta ġie diskuss dan il-Kodiċi, kien hemm tlett sistemi differenti: (i) il-liberta' assoluta tad-dritt kanoniku (ii) il-konswetudni ta' Parigi, li kienet tesiġi illi d-domanda rikonvenzjonali jinhtiġilha tkun konnessa mad-domanda ewlenija, u li tkun mezz ta' difiża u (iii) il-konswetudni tac-Chatelet ta' Parigi, li għalih ir-rikonvenzjoni ma kienet xejn għajr mezz ta' difiża. Ħaġa tal-għaġeb, minkejja dawn il-fonti għad-disposizzjoni tagħhom, l-abbozzaturi tal-Kodiċi Franciz, fl-artiklu 337 u 338 tiegħu, illimitaw ruħhom biex jitraċċjaw il-proċediment għad-domandi inċidentali, mingħajr ma ndikaw l-ebda regola dwar il-kontro-talba. L-anqas insibu ebda dawl fuq dan l-istitut fid-diskussjonijiet preparatorji. Kienet biss il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Franza, fl-osservazzjonijiet tagħha preliminari fuq il-proġett tal-kodiċi proċedurali, li wriet din ix-xewqa, billi pproponiet fl-artiklu 142 tal-proġett li r-rikonvenzjoni tkun imsejjħa *contropretention*. Din id-definizzjoni turi b'mod ċar li llum ir-rikonvenzjoni għandha titqies bħala mezz ta' difiża. Imma min-naħa l-oħra, l-istess Qorti ma qablitx li d-domanda rikonvenzjonali kellha tkun konnessa mad-domanda ewlenija u toħroġ *ex eadem fonte, sive ex eodem negotio, vel eodem consensus*, kif kien jordna l-artiklu 106 tal-Konswetudni ta' Parigi, għar-raġuni li din ma baqgħetx tiġi osservata[12].

[12] Ara Pisanelli, Scialoja e Mancini, Commentario del Codice di Procedura Civile, Vol III, pagni 240 u 241, edizzjoni Napoli 1876.

Illi għalhekk, it-triloġija fil-Kodiċi Malti (fatt, kuntratt, titlu) oriġinat mill-imsemmija konswetudni Parigina, imwarrba mill-leġislatur rivoluzzjonarju Franċiż, u li allura qajla ġiet ikkupjata minn leġislaturi li ġew wara, u li kienu jħarsu l-iktar lejn il-kodici Franċiż innifsu bħala ispirazzjoni.

Biex wieħed jinterpreta sewwa l-liġi Maltija, li ssemmi konnessjoni tal-istess fatt, titlu, jew kuntratt, wieħed irid iħares lejn il-kliem oriġinali tal-konswetudni Franċiża li tagħha l-liġi Maltija hija traduzzjoni. Huwa ta' għajb li t-traduzzjoni fqira li titlef ħafna mis-sens oriġinali. Hekk "*eadem fonte"* mhix sempliċiment "l-istess fatt" imma "l-istess għajn" jew "l-istess oriġini", li hija kunċett sahanistra iktar wiesa mill-"istess fatt". Hekk ukoll "eodem negotio" huwa kunċett ferm iktar wiesa minn "l-istess titolu" għax tirreferi għan-negozju guridiku li minnu jistgħu joriġinaw iktar minn titlu wieħed.

Fit-tieni lok, billi l-paragrafi a u b ta' l-artiklu 396 tal-Kap. 12 fuq imsemmija huma **alternattivi** għal xulxin, l-anqas biss hemm bżonn dejjem li l-kontro-talba toħroġ mill-istess fatt, titolu jew kuntratt, **għax jista' jkun hemm konnessjoni saħansitra fejn il-kontro-talba ma toħroġx la mill-istess kuntratt, la mill-istess titolu, u l-anqas mill-istess fatt,** imma sempliċiment "meta l-iskop tal-kontro-talba jkun it-tpaċija tal-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha". Fil-fatt intqal ġustament li:

> "*La riconvenzione essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi sudetti – communanza di origine delle due cause ovvero, la eliminazione*

*reciproca delle due domande – in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi*" [13].

## "KONNESSJONI" INTERPRETATA F'SENS WIESA

Il-liġi Maltija ma tħallix l-interpretazzjoni ta' x'inhi "konnessjoni" fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, imma tispeċifika **lista ta' raġunijiet** li jagħtu lok għall-konnessjoni. Il-liġi, minn meta ġiet ippromulgata ma nbidlitx, għajr li qabel, ir-rikonvenzjoni kienet tapplika biss fil-proċeduri solenni, ċjoe' dawk tal-libell, li eventwalment ġiet sopressa, u allura ġiet tapplika għall-proċedura, meqjusa informali, taċ-ċitazzjoni – illum tar-rikors ġuramentat. Originarjament, l-Artiklu 396 tal-Kap 12 kien l-Artiklu 417 tal- Ordinanza IV.1851, li kien jaqra hekk:

*Nei giudizj per via di libello e' permesso al convenuto di riconvenire l'attore nella sua risposta al libello, purche' la domanda sia connessa colla domanda dell'attore per qualcuna delle ragioni seguenti:*

1. *Emanando dallo stesso fatto, o dallo stesso contratto o titolo dal quale emanesse la domanda dell'attore;*

2. *Tendendo a compensare il credito dall'attore domandato, a perimere in qualunque altro modo la domanda dell'attore od a precludere gli effetti.*

[13] Vol XXVII pI p895). - Alexis Vella v David Jones 31.01.2003 PA (PS)

Qari ta' din id-dispożizzjoni legali juri li l-**<u>leġislatur Malti kien ferm liberali</u>** għax pogga parametri ferm wiesa li fihom jista' jitqies li hemm "konnessjoni": Dan hu kkonfermat mill-ġurisprudenza Maltija:

> Illi dan l-aspett gia` ġie estensivament ikkonsidrat fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Paul Bezzina et vs Eagle Beams Limited et** deċiża minn din il-Qorti fil-4 ta' Dicembru 1998, u qed issir riferenza għal rakkolta ta' sentenzi hemm ċitati fl-istess deċiżjoni li kkonfermaw illi r-rekwisiti sabiex issir il-kontro-talba huma dawk enunċjati fis-sentenza **Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin noe** (V.A.M. 24 ta' April 1930) u cjoe` li jkun hemm:-
>
> (a) *la comunanza di origine delle due causi, ovverro*
>
> (b) *la eliminazione reciproca delle due domande.*
>
> "Illi dan jissussisti meta "*le due domande emanano dallo stesso fatto, dallo stesso contratto o titolo*".
>
> **"Illi minn dan jirrizulta li l-leġislatur kien liberali sew**, u l-intenzjoni tiegħu kienet mhux biss li tiġi eliminata l-obbligazzjoni attriċi, jew ikkompensata, iżda ukoll jekk id-domandi attrici jigu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.
>
> "Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex

żewġ kawżi bejn l-istess partijiet jinstemgħu fi proċess wiehed, u b'hekk jigu evitati multiplicita' ta' kawżi bejn l-istess persuni, **l-interpretazzjoni tal-istess artikolu għandha tkun waħda estensiva,** imbasta l-bażi tal-istess tigi rispettata u mhux żnaturata.

"Illi għalhekk fl-interpretazzjoni tal-fonti ta' *origine* tal-istess kontro-talba, u cjoe` il-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn għandhom dejjem jiġu nterpretati fil-kumpless ta' ċirkostanzi li jagħtu ħajja għall-kawża u li jifformaw il-bażi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-leġislatur permezz ta' sub-artikolu (2) jestendi l-istess għal kull mezz li bih l-azzjoni attriċi tiġi estinta, jew l-effetti tagħha jigu newtralizzati.

"Illi dan kollu għaliex "*la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi*". (**Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et** – P.A. (FGC) – 15 ta' Mejju,1998).

"Illi konsistentement mal-premess, ġew ammessi kontrotalbiet anke meta l-azzjoni attriċi hija waħda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eċċezzjonijiet li l-istess kawża timponi u dan proprju abbażi tal-**artikolu 396(2) ("Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et"** – RCP- 4 ta' Dicembru 1998).

"Illi dan kollu huwa konformi mal-ġurisprudenza preżenti li biha

> il-formalizmu esaġerat għandu jiġi eliminat għal kollox, b'dan li wieħed għandu jagħti ħafna aktar importanza għas-sustanza milli għall-forma, u għandu jsir kull tentattiv sabiex jiġu salvati l-atti ġudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intiżi għal tali skop, u ineffetti ikkanonizzaw il-giurisprudenza moderna u konstanti tal-aħħar snin".[14]

## TLETT TIPI TA' KONNESSJONI

### (i) Meta l-kontro-talba titnissel mill-istess kuntratt

Dwar dan m'hemmx lok għal kontroversja; in kwantu l-kelma "kuntratt" hija waħda ben definita. Il-ġustizzja u l-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzji jitolbu bla dubbju li l-kwistjonijiet kollha li jiskattaw minn kuntratt jiġu epurati u deċiż fl-istess ġudizzju mill-istess imħallef. Hekk kien il-każ f'kawża fejn l-attur attakka l-kuntratt ta' separazzjoni minn martu billi l-kunsens tiegħu kien ivvizzjat filwaqt li martu għamlitlu kontro-talba biex jesegwixxi l-istess kuntratt:

> "Illi l-attur fil-każ odjern qed jattakka l-kuntratt tas-separazzjoni a bażi li l-kunsens tiegħu kien vizzjat. Illi min-naħa l-oħra l-konvenuta fil-kontro-talba tagħha qed titlob l-ezekuzzjoni tal-istess kuntratt li qed jiġi attakkat.

[14] Carmel Farrugia v Alexandra Farrugia 06.03.2003 PA – RCP, pp. 30-32.

"Illi għalhekk jirrizulta li l-eċċezzjoni tal-attur għall–kontrotalba tal-konvenuta għandha tigi miċħuda għaliex hemm konnessjoni bejn it-talba tal-attur u t-talba tal-konvenuta fil-kontrotalba mressqa *stante* li l-azzjonijiet tal-partijiet rispettivi huma naxxenti mill-istess kuntratt."[15]

**(ii) Meta l-kontro-talba titnissel mill-istess titolu**

Kif diga' gie accennat, il-konnessjoni permezz tal-istess titolu hija l-unika konnessjoni permessa mil-liġi Taljana, kuntrarjament għal dik Maltija, li tippermetti l-konnessjoni anke permezz tal-istess kuntratt u tal-istess fatt. Fil-verita' iżda d-differenza mhix kbira daqs kemm tidher mal-ewwel daqqa t'għajn, billi min-naħa l-waħda, il-kelma "titlu" facilment tinkludi "kuntratt" u min-naħa l-oħra, din giet interpretata b'mod ferm wiesa mid-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana tant li giet tinkludi anke l-kelma "fatt". Il-kodici viġenti Taljan jixbah, fir-rigward tal-kelma "titlu" lil dak ta' qablu:

Il **Codice di Procedura del Regno d'Italia 1865**

**Articolo 100**: *"L'autorita' giudiziaria, davanti cui pende la causa principale, e' competente a conoscere, eccettuato il caso d'incompetenza per materia o valore, e salvo quanto e' stabbilito negli articoli 101 e 102:*

1. *dell'azione di garanzia*

[15] Ibid., p.32.

2. *della compensazione*
3. *dell'azione in riconvenzione dipendente dal titolo dedotto in giudizio dall'attore, o dal titolo che gia` appartiene alla causa principale come mezzo di eccezione.*

   *(art. 59,175,176 cod.fran. – 53, 154, 269 270 cod.nap. – 26 cod. Albert).*

**Il-kodici preżenti** jiddisponi hekk:

> ***36 Cause riconvenzionali*** *Il giudice competente per la causa principale conosce anche delle domande riconvenzionali (167) che dipendono dal titolo dedotto in giudizio dall'attore o da quello che gia` appartiene alla causa come mezzo d'eccezione, purche` non eccedano la sua competenza per materia o valore (7ss); altrimenti applica le disposizioni dei due articoli precedenti.*

Il-perillustri kittieb **Giuseppe Chiovenda**, li x-xogħol tiegħu spira bil-bosta l-Kodiċi tal-Proċedura Civili Taljan ta' l-1940, huwa forsi l-iktar awtur li tkellem ċar dwar it-tifsira tal-kelma "titolo":

> *II. Condizioni d'ammissibilita'. . . . E' ammessa la riconvenzione dipendente dal titolo dedotto in giudizio dall'attore, o dal titolo che gia` appartiene alla causa principale come mezzo d'eccezione (articolo 100 n. 3 Cod. proc. civ.).*
>
> *Altrove si e' osservato (para 31, III, D), come nella storia la riconvenzione e' stata ammessa con ben maggiore larghezza; in*

*tempi e luogi di difficili comunicazioni e di udienza giudiziali rade e temporanee, per facilitare la condizione dei litiganti fu' ammessa da parte di qualunque persona che avesse una pretesa contro l'attore nel luogo del giudizio (antico diritto germanico); d'altro lato, pur restringendosi una cosi' sconfinata liberta', la naturale tendenza delle diverse giurisdizioni in conflitto ad allargarsi l'una a danno dell'altra (sopra para 30, II) favori' la massima che il convenuto potesse riconvenire l'attore per qualunque azione sottraedolo cosi' al giudice davanti a cui avrebbe dovuto esser chiamato: questa massima servi' alla giurisdizione ecclesiastica contro la laica, alla giurisdizione regia contro le signorili, accolta o respinta dalla dottrina secondo gli interessi a cui questa si ispirava (Pisanelli, nel Commentario, I, num. 823; Relazione, n. 94; Castellari Op.Cit. pag. 427 e segg).*

*Quale e' regolata dal nostro Codice, la riconvenzione e' una elaborazione della dottrina francese (Ha la stessa origine, traverso il progetto hannoveriano [para 25] e il Reg. proc. Civ. Del Wurtember (art. 49), il para 23 del regol. Germanico: "Presso il giudice dell'azione puo' proporsi una riconvenzione se la contropretesa e' connessa colla pretesa fatta valere nell'azione o coi mezzi di difesa proposti contor di questa"). Venuto memo ogni interesse delle giurisdizioni a sotrarsi reciprocamente la materia dei giudizii, l'istituto attinge la sua ragion d'essere e la sua disciplina nei principi fondamentali, che anche qui si avvicendano e si contemperano nell'applicazione, in modo da realizzare il massimo dei vantaggi col minimo degli inconvenienti. E'*

*fondamentale il principio che ogni giudizio debba istituirsi dall'interessato con atto autonomo di citazione (art. 37). Se si ammettesse ogni convenuto à profittare dal giudizio pendente per riconvenire l'attore con ogni pensabile pretesa, si verrebbe a favorire la condizione del convenuto piu' di quanto sia richiesto dalle ragioni della difesa (para 34, II), ostacolando insieme la liberta' d'agire dell'attore, il quale nel proporre una domanda non sarebbe in grado di misurare le conseguenze del suo atto ne' di prevedere i confini delle future contestazioni. L'economia dei giudizii non basterebbe a giustificare simili risultati. Ma se la riconvenzione si ammette solo quando si fondi sul titolo gia` dedotto in giudizio dal convenuto come mezzo d'eccezione, da un lato la condizione dell'attore non e' sostanzialmente aggravata, poiche' l'estensione della lite rimane nei confine del normalmente prevedibile, dall'altro all'economia dei giudizii si aggiunge il vantaggio di giudicare in modo unico e uniforme dei punti comuni all'azione e alla riconvenzione, e spesso (come nei rapporti giuridici bilaterali) si provvede ad una esigenza di giustizia, quale e' questa, che si reclama cio' che gli e' dovuto sia insieme condannato à prestare quanto deve come corrispettivo. Questi vantaggi sono cosi' evidenti, da giustificare agli occhi del legislatore anche uno spostamento di competenza. Percio' la norma che ammette la riconvenzione trovasi fra le norme sulla competenza; ma, dopo quanto si e' detto sulla ragione dell'istituto, e' chiaro che la norma ha un valore piu' generale, e che l'art. 100 n.3 non traccia soltanto i limiti entro cui la riconvenzione puo' spostare la competenza, ma quelli entro cui essa puo' aver luogo.*

*Analizzando la norma dell'art 100 prima parte e n. 3, le condizioni della riconvenzione possono cosi' determinarsi:*

1. *La riconvenzione deve trovarsi in un nesso giuridico colla azione o colla eccezione. Distinguiamo i due casi, richiamando le osservazioni gia` fatte a proposito della competenza (sopra para 31, III D):*

a. *Riguardo al nesso coll'azione, la legge non richiede che la riconvenzione si fondi sul medesimo titolo, cioe' sul rapporto giuridico che costituisce il fondamento proprio dell'azione, ma si contenta che si fondi sopra un titolo o rapporto giuridico dedotto in giudizio per la necessita' dell'azione, poiche' tanto basta perche' l'attore debba prevedere che il convenuto potra' proporre in base a questo una domanda, e prepararsi la difesa contro di essa. Da cio' deriva che la riconvenzione non trova luogo soltanto quando unico e' il rapporto giuridico su cui le due parti si fondano (che e' il caso piu' frequente, come appare nei due primi modi esemplificati sopra para 31 III 1,a, numero 1 e 2: caso tipico e' il rapporto giuridico bilaterale), ma anche quando il convenuto si fonda sopra un rapporto giuridico diverso da quello su cui si fonda l'attore, purche' dedotto in giudizio dall'attore (cosi' nel caso previsto sopra para 31 III D, a, num 3: il convenuto che reclama a sua volta l'osservanza delle distanze legali si fonda sopra il rapporto giuridico di proprieta' su cui egli si trova rispetto a suo fondo e che e' gia dedotto in giudizio dall'attore nel convenirlo.*

*Appena occorre poi ricordare che puo' dirsi dedotto in giudizio dall'attore ogni rapporto che sia presupposto esistente o inesistente dall'azione[16]; senza che percio' si richieda che sia anche oggetto di contestazioni e tanto meno di cosa giudicata (sopra para 79); piu' innanzi para 93).*

*In questo primo caso, la riconvenzione non si trova in alcun necessario rapporto colla domanda di rigetto dell'azione. Puo' darsi infatti che il convenuto nel riconvenire l'attore, riconosca giusta la sua domanda, come puo' darsi che ne chieda il rigetto.*

Chiovenda jgħid li jista' jkun hemm komunanza tat-titolu **anke f'każ ta' rapport ġuridiku komplessiv**, fejn il-kontro-talba tkun ibibbażata fuq dritt differenti minn dak tat-talba. Bħala każ klassiku, li jsemmi wkoll fil-bran preċitat, huwa jsemmi l-każ ta' Tizju li jħarrek lill-ġar tiegħu Sempronju biex jagħlaq l-aperturi li jkollu f'bogħod inqas mid-distanza legali. Sempronju jista' jagħmel kontro-talba biex Tizju jagħmel l-istess fil-fond tiegħu, u jista' jagħmel dan sahansitra anke jekk jammetti t-talba ta' Tizju. Dan ikompli juri biċ-ċar li si tratta ta' drittijiet differenti, awtonomi minn xulxin, ġejjin mill-istess "titolu" fis-sens ta' sitwazzjoni ġuridika komplessa:

Chiovenda, p 463 et seq. jkompli :

*La riconvenzione, come dice la parola, e' una domanda spiegata*

---

[16] Offerto dall'erede testamentario il pagamento del legato al legittimario, e chiamato questo in giudizio per la convalida dell'offerta, il legittimario puo' riconvenire reclamando la legittima e la riduzione della disposizioni testamentari. Contro: App. Roma 13 gennaio 1912 (Riv. Univers., 1912, 210).

*contro chi conviene altri in giudizio. Essa fu ammessa con limiti piu' o meno larghi nella storia. Nell'antico diritto germanico, bastava il fatto che Tizio si trovasse in un luogo come l'attore perche' chiunque potesse proporre le sue domande contro di lui. Nel diritto canonico il convenuto poteva proporre qualunque domanda riconvenzionale contro l'attore. Nella nostra legge invece occorre che l'azione in riconvenzione dipenda: a) o dal titolo dedotto in giudizio dall'attore; b) o dal titolo che gia` appartiene alla causa principale come mezzo d'eccezione. E' lecita la reconventio reconventionis (Wach, I, p. 485).*

a. *Primo caso: connessione col titolo dell'attore. Ogni deduzione del convenuto, in quanto tende a far rigettare la domanda dell'attore e' una domanda (supra p 225); ma una domanda che tende soltanto a escludere il diritto affermato dall'attore non e' una riconvenzione. La riconvenzione per essere tale deve avere autonoma, cioe' deve trovarsi coll'azione in un rapporto speciale, che puo' essere di varii modi:*

1. *Identita' del diritto in quistione e diversita' di domande (a.es. l'attore chiede l'accertamento negativo, per simulazione, del diritto del convenuto: questi chiede che si accerti l'esistenza del diritto e insieme si condanni l'attore alla prestazione, ad.es., alla consegna della cosa venduta coll'atto che l'attore pretende simulato).*
2. *Varieta' dei diritti in quistione coesistenti e non escludentisi ma unita' del rapporto giuridico su cui entrambi si fondano (ad.es. l'attore chiede il pagamento del prezzo di vendita, il convenuto la*

*consegna della cosa venduta).*

3. *Varieta' dei diritti in quistione e varieta' di rapporti giuridici su cui si fondano (a.es. un proprietario conviene il proprietario vicino per l'osservanza di distanze legali; il convenuto lo riconviene perche' egli osservi alla sua volta le distanze legali nel costruire).*
4. *Varieta' di domande escludendisi ma non in puro rapporto di affermazione e negazione (e' questo il caso dell'accertamento incidentale, di cui sara' parlato ampiamente piu' innanzi (para. 93 , page 1007):-*

b. *Un rapporto giuridico complesso. Quando un rapporto giuridico si esaurisce in un unico diritto (ad es. Prestito di denaro senza interesse), non vi puo' essere una questione propriamente pregiudiziale. Vi potra' essere bensi' una questione sulla esistenza del rapporto distinta dalla questione sulla esistenza del diritto (ad es. Scadenza dell'obbligo di restituire il mutuo), ma oggetto della domanda di restituzione sara' necessariamente anche la dichiarazione di esistenza del rapporto. Nei rapporti giuridici complessi invece, da cui cioe' derivano molteplici diritti e doveri, la cosa sta diversamente: si puo' far valere colla domanda giudiziale un solo dei diritti, e in questo caso il rapporto giuridico sara' bensi' dedotto in giudizio come causa petendi, (quindi potra' ad es. servire ad una riconvenzione, secondo l'art 100 n.3 Cod.Proc.Civ: sopra $92, II, 1 a), ma non sara' per se oggetto della domanda o del giudicato.*

**Mandrioli** li huwa kittieb kontemporanju u li allura jikkummenta fuq il-Kodici ritwali Taljan viġenti, jekwipara "titolo" mal-**fatti kostitutivi** bażi tad-domanda ewlenija:

*Se si tiene presente che, come si vedra' piu avanti, 'titolo' qui equivale alla ragione della domanda, che trova il suo fondamento nei fatti costitutivi, si puo' dire che in generale la domanda riconvenzionale deve, per esser ammissibile, dipendere da fatti che siano genericamente collegati con i fatti costitutivi della domanda principale o con i fatti estintivi o impeditivi o modificativi gia` introdotti nella causa (o nel giudizio) sotto forma di eccezioni senza che occorra una vera e propria comunanza di causa petendi. Rispetto a quest'ultima ipotesi, il tipico esempio e' costituito dall'eccezione di compensazione, quando il controcredito opposto in compensazione ecceda il credito per il quale e' stata proposta la domanda: il convenuto, dopo aver chiesto il rigetto di quest'ultima, potra' far valere, in via riconvenzionale, il suo diritto alla differenza. Con riguardo alla prima ipotesi, si potra' invece pensare alla domanda, in via riconvenzionale, di pagamento del canone da parte del locatore che e' stato convenuto per il mantenimento in efficienza della cosa locata; i fatti costitutivi di entrambe le domande contrapposte si riconducono ad un medesimo 'titolo': lo stesso contratto di locazione.*[17]

Ġewwa *footnote* nru 44 fl-istess faċċata (paġna 157) **jenfasizza li l-kelma**

[17] Op. Cit. Vol 1, para 26, pagna 157

**‘titolo’ ġiet interpretata b’mod ferm wiesa kemm mid-dottrina kif ukoll mill-ġurisprudenza:**

> *La giurisprudenza, anche della Cassazione, **e’ assai larga nel valutare la sussistenza del requisito della dipendenza del titolo** dedotta dall’attore o dal convenuto come eccezione; ed anche la dottrine riconosce che per “titolo” deve qui intendersi non la sola “causa petendi” ... ma, genericamente, il rapporto al quale si riferisce l’azione (v. ad es.Cass 28 giugno 1993 n. 7131; Cass. 11 marzo 1987 n. 2547; cfr. Andrioli, Commento, I, cit., p 125). Per il rilievo che questa larghezza finisce per sfumare i confini tra le contrapposte opinioni (“rigorista” e “liberista”) evidenziate alla nota 41, riducendoli alla valutazione di possibilita’-opportunita’ della trattazione simultanea, v. P Nappi, La Domanda, cit., p 777 e E Vullo, op.cit. p 293, critico a questa tendenza.*

**Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** ukoll tagħti latitudni liema bħala u effettivament toqrob għall-pozizzjoni tal-Kodici proċedurali Franċiż kontemporanju, **billi titlob biss komunanza tas-sitwazzjoni ġuridika bejn talba u kontro-talba:**

> *La relazione di dipendenza della domanda riconvenzionale “dal titolo dedotto in giudizio dall’attore o da quello che gia` appartiene alla causa come mezzo di eccezione”, comportante, ai sensi dell’art. 36 c.p.c.*[18] *. . . la trattazione simultanea delle cause, deve*

[18] Art. 36 (Cause riconvenzionali). Il giudice competente per la causa principale conosce anche delle

*essere intesa, non gia` come identita' della causa petendi (richiedendo, appunto, la norma un rapporto di mera dipendenza) ma come* ***comunanza della situazione*** *o del rapporto giuridico dal quale traggono fondamento le contrapposte pretese delle parti ovvero come comunanza della situazione o del rapporto giuridico sul quale si fonda la riconvenzionale con quello posto a base di una eccezione, si' da delinearsi una connessione oggettiva qualificata dalla domanda riconvenzionale con l'azione o con l'eccezione proposta (Cass.sez.I, sent 10 settembri 1999, n. 9656; conforme, Cass. Sez I, 19 marzo 2007, n.6520 relativa alla domanda di adempimento di un contratto di locazione di parcheggio e alla riconvenzionale di pagamento del canone di locazione delle piazzole (stopping places).*[19]

**Il-ġurisprudenza Taljana tenfasizza li saħansitra m'hemmx għalfejn li t-talba u l-kontro-talba joħorġu mill-istess titlu**:

*La relazione tra la domanda principale e quella riconvenzionale non va intesa in senso restrittivo che esse debbano dipendere da unico e identico titolo, essendo sufficiente che le contrapposte pretese delle parti traggano origine da un* ***medesimo rapporto****).*[20]

---

domande riconvenzionali che dipendono dal titolo dedotto in giudizio dall'attore o da quello che gia' appartiene alla causa come mezzo di eccezione, purche' non eccedano la sua competenza per materia o valore; altrimenti applica le disposizioni dei due articoli precedenti.

[19] Sentenza riportata fil-Commentario al Codice di Procedura Civile 3° ediz. Franco Bartolini & Francesca Bartolini 2008.

[20] Cass. civ., 18 settembre 1974, n.2503

### (iii) Meta l-kontro-talba titnissel mill-istess fatt.

**L-istess fatt**

Kif rajna, huwa biss il-kodiċi Malti li jpoġġi espressament il-*konnessjoni ta' fatt* bħala waħda mit-tlett presupposti alternattivi tal-istitut tar-rikonvenzjoni. Naturalment tqum il-mistoqsija: il-leġislatur x'qiegħed jifhem bil-kelma '*fatt*'? Skont definizzjoni mogħtija mid-Digesto Italiano, u accettata mill-Qrati Maltin [21] "*Il 'fatto' e' la manifestazione esteriore delle facolta' intellettuali e volitive dell'uomo e come tale puo' formare causa di obbligazione* [22]*e nel caso procedurale 'fatto' significa anche 'il complesso di tutte le circostanze che hanno dato causa e che formano l'oggetto di una lite'* [23]

Il-kittieb famuż **Chiovenda** **<u>jiddistingwi "fatt" minn "fatt ġuridiku":</u>**

> *La sentenza di rigetto e i fatti giuridici - se analiziamo la ragione per cui una sentenza di rigetto puo' negare l'esistenza dell'azione, vediamo che e' diversa secondo la natura del fatto giuridico che il giudice ha considerato come esistente o non esistente.*
> *Diconsi fatti giuridici i fatti da cui deriva l'esistenza, la modificazione o la cessazione di una volonta' concreta di legge: e*

[21] Negoziante Luigi Spiteri Debono noe v Negoziante Charles Darmanin noe 25.04.1930 QA [A. Mercieca – F Buhagiar – E Ganado] XXVII.i.886.

[22] – Voce 'Fatto'(Diritto Civile) Vol IX p. 548)

[23] (Digesto Italiano p. 549 Procedura Civile).

*come tali distinguonsi dai fatti sempliċi o motivi , i quali hanno importanza pel diritto solo in quanto possono servire a provare l'esistenza di un fatto giuridico. . . . .*

*Fatti costitutivi: che danno vita a una volonta' concreta di legge e alla aspettazione d'un bene per parte di alcuno. Ad esempio, un prestito, una successione. Vengono in questa categoria anche i fatti costitutivi dell'interesse ad agire.*[24]

M'hemmx dubbju li meta l-liġi tagħna titkellem, fir-rigward tar-rikonvenzjoni, dwar "l-istess fatt" hija wkoll qed tirreferi għall-"fatt ġuridiku"; fi kliem ieħor fatt li minnu jitnisslu l-ħolqien, tibdil jew tmiem tal-attwazzjoni tal-liġi f'każ partikolari. Kif inhu magħruf, il-liġi għandha effett ġenerali, u kull min jiftaħ kawża – jew kontro-talba - iġib miegħu sitwazzjoni ta' fatt partikolari u jistieden il-Qorti biex tapplika l-liġi (ġenerali) għal dak il-każ, jew fatt, speċifiku. **Chiovenda** jgħid ukoll li

*Normalmente i fatti giuridici, avendo importanza solo per l'applicazione d'una volonta' di legge, sono accertati dal giudice solo come premessa del sillogismo che conduce all'accertamento di questa volonta; e da soli non possono essere oggetto principale di un accertamento*[25].

Is-sentenzi l-iktar awtorevoli tal-Qrati tagħna, u, b'mod konsistenti, is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell**,** **<u>interpretaw il-kelma "fatt" b'mod wiesa</u>**

---

[24] Giuseppe Chiovenda, Principii di Diritto Proċessuale Civile, Napoli, 1923, pagna. 222

[25] Ibid, p. 1005.

bħala li tfisser **mhux biss iċ-ċirkostanza partikolari dedotta fil-ġudizzju mill-attur, imma wkoll il-kumpless ta' cirkostanzi antecedenti għaliha, jew konkomitanti magħha.**

Fil-kawża seminali **Spiteri Debono v Darmanin,** il-Qorti tal-Appell ma qablitx mal-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti li t-tielet kunsinna ta' merkanzija mibgħuta mill-esteru ma kellhiex x'taqsam mal-ewwel żewġ kunsinni, ilkoll magħmulin bejn l-istess partijiet. Għalkemm din ma kinitx kawża ta' rikonvenzjoni, imma waħda ta' konnessjoni ta' kawża , xorta waħda applikat il-principji tar-rikonvenzjoni u partikolarment ta' x'inhu l-istess "fatt".

l-attur xtara 500 kaxxa kunserva bil-prezz ta' £6 6s 0d –il kilo, li kellu jirċievi permezz ta' diversi konsenji. L-ewwel ircieva 100 kaxxa fin-1928. Fin-1929 irċieva 100 kaxxa oħra. Mill-ewwel kunsinna l-attur irtira 10 kaxxi u halla 90 fl-imhazen tal-Gvern; u mit-tieni kunsinna irtira kaxxa għall-eżami kimiku u l-bqija ddaħħlu fl-imhazen tal-Gvern. L-attur allega li għal dawn il-partiti hallas £630. Intbgħatet it-tielet partita li l-attur irrifjutaha. Id-ditta konvenuta fethet kawża **Darmanin v Spiteri Debono** kontra l-attur biex jirtira d-dokumenti u jhallas £333 18s 1d bilanċ tal- prezz tal-istess merkanzija. Waqt li Darmanin v Spiteri Debono kienet għadha pendenti, Spiteri Debono fetaħ kawża oħra għad-deprezzament tal-merkanzija tal-ewwel żewġ partiti li tħassret, u għad-danni. Il-Qorti tal-Appell qalet li t-tlett kunsinni "*emanino dallo stesso 'fatto', ovvero dalla stessa operazione che e' interceduta tra i contendenti in riguardo alla vendita in quistione e consegne successive. La prima Corte ritenne che le parti non contemplarono il contratto come un tutto indivisibile, ma come tante vendite distinte, cio' che significa* ***che 'unica' era***

***la 'operazione' ovvero 'il complesso di tutte le circostanze' che diedero causa alla unica vendita a consegne successive, ovvero come ritenne la prima Corte, a piu' vendite."***

Il-kawża **Paul Gambin v Frank Gambin pro et noe**[26] hija illustrattiva ta' interpretazzjoni dejqa ta' 'fatt' mill-Prim'Awla, li wasslitha għaċ-ċaħda tal-kontro-talba, u interpretazzjoni wiesa tal-istess 'fatt' mill-Qorti tal-Appell li allura wasslitha biex tammetti l-validita' tal-istess kontro-talba. L-attur importa f'Malta Box Van Ford u ħalla f'idejn ħuh il-konvenut Frank Gambin biex jagħmel il-prattiċi kollha meħtieġa fir-rigward, li, minflok ma rreġistraha f'isem ħuh, irreġistraha f'isem soċjeta' kummerċjali li tagħha kien azzjonist flimkien ma' ħuh l-ieħor Anthony Gambin. Meta l-attur ipprova jbiegħ il-vann li terzi, skopra li l-vann ma kienx f'ismu proprju u ħutu l-konvenuti naqsu li jieħdu l-passi meħtieġa biex isir it-transfer. Talab għalhekk dikjarazzjoni li huwa uniku sid tal-vann u ordni biex jitrasferixxu l-vann f'ismu. Il-konvenuti qablu li l-vann kien tal-attur u li kienu lesti jdawwru l-vann fuq ismu **meta jhallashom tal-ispejjez tal-importazzjoni etc.** Għalhekk għamlu kontro-talba biex jithallsu ta' dawn l-ispejjez. **Il-Prim'Awla** laqgħet it-talba tal-attur iżda qalet li l-kontro-talba kienet improponibbli:

> Huwa car li wara l-ammissjoni tagħhom, il-konvenuti mhumiex qed jippretendu la tpacija, la li jgibu fix-xejn it-talbiet attrici – li anzi qed jammettuhom – u lanqas ma qed jimpedixxu l-effetti konsegwenzjali ta' dawk it-talbiet, hekk ammessi;

[26] Qorti tal-Appell (J Said Pullicino, Carmel Agius, JD Camilleri) 27.03.1996

Il-kontro-talba zgur mhix ibbażata fuq l-istess kuntratt jew titolu tal-attur. Jibqa' biss li jiġi ezaminat jekk dik il-kontro-talba hiex ibbażata fuq l-istess fatt. Il-fatt in kwistjoni huwa li l-van huwa proprjeta' tal-attur. Konsegwenza ta' dan il-fatt huwa d-dritt tal-attur li jkollu dik il-proprjeta' rikonoxxuta, b'registrazzjoni ufficjali mal-awtoritajiet kompetenti. L-ispejjez li nkorrew il-konvenuti għaliex esegwew l-istruzzjonijiet tal-attur u li huma l-oggett tal-kontro-talba għandhom il-bażi fattwali u ġuridika tagħhom f'dan il-ftehim li huma jallegaw li waslu għalih mal-attur talli pprestawlu certi servigi jew fornewlu servizzi. Il-kontro-talba għalhekk mhix 'ġejja mill-istess fatt' kif trid il-liġi, biex tkun ammissibbli r-rikonvenzjoni. Sostanzjalment, biex il-kontro-talba f'każ bħal dan, tkun ammissibbli, irid ikun rikonoxxut mil-liġi speci ta' dritt ta' garanzija – cjoe' illi l-konvenuti jkollhom id-dritt tagħhom għar-rimbors tal-ispejjez, garantit billi jirritjenu d-dritt formali tal-proprjeta' tal-van; garanzija li fil-każijiet kongruwi biss, il-liġi tirrikonoxxih bħala d-dritt ta' ritenzjoni – *jus ritentionis* – bħal, per ezempju, dak tal-lukandier fuq l-effetti personali tal-klijent tal-lukanda għall-hlas tal-allogg;

Dan qed jingħad b'riferenza aktar logika u analitika tal-kawżali tal-kontro-talba għaliex naturalment imbagħad . . . jidher li l-pretenzjonijiet konvenuti jirrisalu għal fatti u servigi ta' qabel ma dahal il-van f'Malta . . .Għalhekk in-ness fattwali-guridiku ma jezistix.

**Il-Qorti tal-Appell** ikkritikat dan l-apprezzament:

> Il-Qorti ma tistax taqbel li l-'fatt' …. li minnu ġejja t-talba tal-attur huwa li l-van kien proprjeta' tal-attur. Il-fatt kien il-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti….'Fatt' iehor li minnu ġejja t-talba tal-attur huwa illi l-konvenut…minflok irregistra l-vann … fuq isem l-istess attur spiċċa …irregistrah fuq isem is-socjeta konvenuta. Huwa dan **il-kumpless ta' cirkostanzi** li joriginaw mill-kuntratt ta' mandati bejn l-attur u l-konvenut Frank Gambin illi pproduca l-azzjoni attrici. Id-dikjarazzjoni mitluba mill-attur li l-van hu ta' proprjeta' esklussiva tiegħu hi biss domanda preordinata għad-domanda l-oħra principali illi l-konvenuti jigu kkundannati li jonoraw l-obbligazzjonijiet kontrattwali tagħhom li jdawru l-istess van fuq isem l-attur kif kien ġie obbligat li jsir skond il-ftehim oriġinali li kellhom. L-azzjoni hi allura konsegwenzjali għall-allegata inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenut Frank Gambin;
>
> Mill-banda l-oħra l-konvenuti qed jallegaw inadempjenza da parti tal-attur tal-obbliġi assunti minnu fuq l-istess kuntratt ta' mandat. Huma jsostnu li l-attur huwa debitur lejhom f'ammonti minnhom zbankati in esekuzzjoni tal-istess mandat mogħti u aċċettat mill-istess attur u mill-konvenut Frank Gambin rispettivament. Ammonti proprju li jirrigwardaw il-ħlas ta' dazju, transport u pagamenti oħra inkorsi fl-esekuzzjoni tal-pratiki kollha neċessarji biex il-van ikun jista' jidhol f'Malta. Minn dan l-assjem ta' cirkostanzi, kemm fit-talba kif ukoll fil-kontro-talba li ssib l-origini

tagħha fi ftehim originali bejn l-attur u huh Frank Gambin, **johrog in-ness bejn iż-żewġ azzjonijiet kemm ta' fatt kif ukoll ta' negozju.** Hu allura sodisfatt ir-rekwizit li l-kontro-talba torigina *ex eodem fonte, ex eodem negotio vel eodem contractu* kif sintetikament imma incizament jesponu l-ġuristi;

Huwa veru illi l-konvenuti m'għandhom l-ebda dritt ta' *jus ritentionis* fuq il-van…It-titlu li bis-sahha tiegħu qed jivvantaw kreditu kontra l-attur fil-kontro-talba hu dak għall-ħlas ta' servizzi resi fl-eżekuzzjoni tal-mandat u għall-ammonti ta' flus avvanzati fl-interess tal-attur… din is-sitwazzjoni bl-ebda mod ma tippreġudika l-kontro-talba jew l-effikaċja tagħha. Kif fuq indikat, il-kontro-talba hija meqjusa bħala azzjoni separata, distinta u prinċipali u ma hemm xejn x'josta li l-Qorti tilqa' kemm it-talba kif ukoll il-kontro-talba f'ġudizzji allura separati u distinti imma naturalment fl-istess proċess…

Huwa stabilit li b'"fatt" wieħed jifhem dik il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta ġuridika [Ara *Digesto Italiano* (Vol. IX) Voce "*Fatto*" pag. 548-9 u App. Kumm. **6.2.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Grazia Fava vs Salvino Farrugia*** (mhix pubblikata)]. F'dan il-każ, il-"fatt" huwa l-kuntratt li bis-saħħa tiegħu l-partijiet intrabtu lejn xulxin biex iseħħ in-negozju. F'**Air Malta plc v Lawrence Borg 30.06.2004 PA [JRM]** il-Qorti qalet li l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaci joqgħodu waħedhom f'eżistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artiklu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Għalhekk, b'"konnessjoni" wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun

dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha."

Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet ukoll li kien hemm komunanza tal-istess fatt fejn il-Malta Drydocks talbet il-kanonizzazzjoni tal-kreditu għal xogħolijiet minnha magħmula fuq vapur, filwaqt li t-talba rikonvenzjonali kienet għad-danni sofferti bħala rizultat taż-żamma llegali u abbużiva tiegħu minkejja li l-ammont pretiż fil-mandat ta' impediment ta' safar oriġinali kien ġie depożitat fir-Reġistru tal-Qorti.[27]

## KWALUNKWE TIP TA' AZZJONI HI DEDUĊIBBLI F'KONTRO-TALBA

Il-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa mogħti lill-imħarrek mingħajr limitu dwar l-għamla ta' azzjoni li fiha tista' ssir.[28]

**Setgħet issir kontro-talba *in personam*** minn vapur kontra l-Malta Drydocks għax din żammitu illegalment minkejja li għamel depożitu tal-ammont minnha pretiż fir-Reġistru tal-Qorti f'kawża *in rem* tal-istess tarzna kontra l-vapur għall-ħlas ta' tiswijiet minnha magħmula fl-istess vapur .[29]

Hija permessibbli wkoll kontro-talba saħansitra f'azzjoni kambjarja, għalkemm il-kawża tista' tiġi deċiża f'żewġ stadji:

---

[27] Sammy Meilaq v Oral Attinel bħala Kaptan u in rapprezentanza tal-vapur MV YUKON ex MV PACIFIC – 05.10.2001 Qorti tal-Appell (J Said Pullicino, C.Agius, JD Camilleri).

[28] Ara P.A. GV 28.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet *F.Mercieca & Sons Mobili Ltd. vs George - Borġ* u *Air Malta plc v Lawrence Borg* 30.06.2004 PA [JRM].

[29] Sammy Meilaq v Oral Attinel bħala Kaptan u in rapprezentanza tal-vapur MV YUKON ex MV PACIFIC – 05.10.2001 Qorti tal-Appell (J Said Pullicino, C.Agius, JD Camilleri).

Illi dwar il-kwistjoni tal-kontro-talba u l-azzjoni kambjarja wieħed jirreferixxi għas-sentenza fl-ismijiet **Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et** deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Diċembru 1998 (Citaz. Numru 853/97/RCP) fejn fuq l-iskorta tas-sentenzi hemm ċitati fosthom **Dr. David Tonna *nomine* vs Boris Arcidiacono *nomine*** (A.K. 28 ta' Novembru 1988), **Edgar Camilleri *nomine* vs David Cilia** (K. A. M. 18 ta' Marzu 1994) u **Dr. Toni Abela vs Carmelo Calabretta** (K.6 ta' Frar 1991) ingħad li l-istess **artikolu 198 tal-Kap 13** u **l-artikolu 396 tal-Kap12** jistgħu jezistu flimkien b'dan li t-talba oriġinali u l-kontrotalba jiġu deċiżi fl-istess kawża, iżda mhux neċessarjament fl-istess sentenza, b'mod li l-azzjoni kambjarja tiġi deċiża l-ewwel u wara tiġi deċiża l-kontro-talba. [30]

Il-Qorti ta' l-Appell Kummerċjali fis-sentenza mogħtija fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru, 1988, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. D.Tonna vs B. Arcidiacono noe** fuq punt simili kienet iddeċidiet fis-sens li:

**L-artikolu 396 tal-Kap. 12 jagħti lill-konvenut id-dritt li jagħmel kontrotalba *in any action*** . Isegwi li la l-leġislatur ma impona l-ebda limiti, dawn ma jistgħux jigu mposti mill-Qorti. Infatti l-kliem tal-liġi fl-imsemmi artikolu huwa ċar li certament ma hemm lok għall-ebda nterpretazzjoni.

[30] Mario Agius v Doris Pulo 24.04.2001 PA (RCP). L-istess iddeċidew: Edgar Camilleri v David Cilia 18.03.1994 Qorti tal-Kummerċ - Imħallef Albert Manche'. F. Mercieca & Sons Mobili Limited v George Borg et 28.02.2001 PA – Geoffrey Valenzia

> L-artikolu 198 Kap 13 li jikkontempla ċerti eċċezzjonijiet fl-azzjoni kambjarja ma hux ta' ostakolu għall-eserċizzju tad-dritt li tagħmel kontro-talba kontemplata fl-artikolu 396 Kap. 12. Iżda filwaqt li tkun tista' issir il-kontrotalba fl-azzjoni kambjarja, għandhom jiġu fl-istess ħin osservati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 198 Kap. 13. Għalhekk il-konsegwenza hija li jekk f'azzjoni kambjarja ssir kontrotalba li teħtieġ eżami fit-tul u li ddewwem il-ħlas tal-kambjala, allura l-kawża quddiem il-Qorti għandha tigi deċiża f'żewġ stadji - fl-ewwel stadju tigi deċiża l-azzjoni kambjarja u fit-tieni stadju tiġi deċiża l-kontrotalba.
>
> Fil-każ in eżami l-atturi għalqu l-provi fuq it-talba tagħhom. Mhemmx dubbju li l-kontrotalba tal-konvenuti teħtieġ eżami fit-tul billi hija talba għal dikjarazzjoni li xogħolijiet ma sarux skond is-sengħa u l-arti u mhumiex tal-kwalita` pattwita.

**IL-KONVENUT JISTA' JAGĦMEL KONTRO-TALBA BISS FIL-KWALITA` LI FIHA GIE MHARREK.**

Fil-fatt din ir-regola hija mniżżla f'art. 400 tal-Kap 12:

> Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalita` oħra minn dik  li fiha jkun imharrek, l-anqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalita` oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu.

Il-kwalita` tirreferi għall-persuna tal-konvenut, u mhux għall-azzjoni, li kif rajna, tista' ssir irrispettivament mill-kwalita` tagħha. Dan ifisser li l-konvenut imħarrek f'ismu proprju ma jistax jagħmel kontro-talba f'isem martu bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti; jew bħala legittimu rapprezentant ta' ibnu minorenni, jew bħala kuratur ta' interdett, jew bħala prokuratur ta' xi hadd imsiefer. L-anqas jista', jekk jiġi mħarrek bħala legittimu rappreżentant ta' wliedu, jagħmel kontro-talba bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti.

G & S Falzon Ltd ħarrket lil Valletta Freigħt Services Ltd għad-danni talli bħala aġent tal-vapur Vento di Maestrale rrifjutat li tirrilaxxja merkanzija mgħobbija fuqu. Valletta Freigħt għamlet kontro-talba għal nollijiet fuq merkanzija importata fuq diversi vapuri minnha rappreżentati. Billi Valletta Freigħt ġiet imħarrka personalment, ma setgħetx tagħmel il-kontro-talba bħala aġent.

> "Kwantu għal-kontro-talba huwa prezunt skond l–Art 396, Kap 12 illi mhux biss li din tkun konnessa mat-talba ta' l-attur iżda wkoll trid tirrivesti l-estrem l-ieħor illi huwa proprju l-konvenut, kif imħarrek, li għandu dritt jagħmel użu minnha. "*La riconvenzione essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi sudetti – communanza di origine delle due cause ovvero, la eliminazione reciproca delle due domande – in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi*" (**Vol XXVII.i.895**).
>
> "Fil-każ *de quo* s-soċjeta` konvenuta ġiet ċitata f'isimha proprju

u mhux *qua* aġent tas-soċjeta` estera prinċipal tagħha u li lilha, *stricto jure*, kienu dovuti l-ħlasijiet tan-noll. Dan għaliex in-noll huwa l-korrispettiv għat-trasport u hu dovut jew lill-armatur jew lill-noleġġjant, skond il-każ. Konsegwentement għall-ġbir tan-nol jew tal-arretrati tiegħu s-soċjeta` konvenuta ma ta[ixxix f'isimha proprju iżda *qua* rapprezentant lokali tal-armatur jew tan-noleġġjant esteru. Dan hu hekk anke fejn ir-rappreżentant ikun sempliċiment konsenjatarju tal-bastiment għall-okkażjoni partikolari u hekk ikun mandatarju okkażjonali għall-iskop determinat huwa xorta waħda għandu r-rappreżentanza attiva u passiva ta' l-armatur. (**Vol XLI.i.856**).

Jekk bħal f'dan il-każ il-konvenuta qed tafferma li l-armaturi jew operaturi barranin qed jippretendu l-hlasijiet tal-arretrati tan-nol minn għandha, fatt dan li hi stess qed tikkontesta fi proceduri separati mal-istess operaturi, dan hu 'res inter alios acta' għal finijiet tal-kontro-talba, una volta ma issodisfatx, bi prova ccertata, illi s-soċjeta`estera assenjatilha l-kreditu jew issurrogata fid-drittijiet tagħha. Kieku hekk kien il-każ hi kienet tkun tista' taġixxi f'isimha. Meta allura jonqos din il-prova ma tistax imbagħad tirreżisti l-eċċezzjoni mogħtija mill-kontro-parti dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika fuq ir-relattiva pretensjoni. Għalhekk biss il-kontro-talba tagħha tfalli.[31]

Tant huwa l-każ li l-kwalita` hija tal-persuna, u mhux tal-azzjoni, li dan,

---

[31] Alexia Vella v David Jones et 31.01.2003 Prim'Awla (Imhallef Philip Sciberras).

**f'Chetcuti v Friggieri**[32], intuża' bħala argument l-għala terz ma jistax jagħmel kontro-talba, u dan fuq il-premessa illi persuna li tidher fi kwalita` differenti hija, effettivament, għall-fini tal-kawża, persuna differenti. Fl-ispeċje, Mary Friggieri kienet imħarrka għad-danni riżultanti minn ħabta awtomobilistika. Hija għamlet kontro-talba għad-danni dwar l-istess ħabta, flimkien ma' żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti lliberat lill-attriċi mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tar-raġel tal-konvenuta peress illi ma kienx konvenut u għalhekk ma setax jipproponi kontro-talba.

## SOGGETTI LEGITTIMATI

Skont il-ġurisprudenza Maltija, **<u>mhix ammessa kontro-talba minn konvenut kontra konvenut iehor:</u>**

> Dan qed jiġi ritenut billi titwila anke superfiċjali lejn it-test tal-liġi għandu jibbasta. L-Artikolu 396 tal-Kap 12 hu artikolat f'termini precizi u inekwivoċi in kwantu talba rikonvenzjonali hi akkordata biss "kontra l-attur" (sottolinear tal-Qorti) u mhux ukoll kontra konvenut iehor fil-proceduri. Lanqas marġinalment ma tista' teżisti ebda komplimentarjeta` bejn il-kontrotalba *de quo* u l-eċċezzjoni tal-appellanti meta dan ma ddeduċa l-ebda pretensjoni f'forma ta' talba iżda sempliċiment illimita ruħu għal linja difensjonali għat-talba tal-attur *nomine.*

[32] Francoise Chetcuti v Mary Friggieri 24.05.1991 PA (Anton Depasquale).

Dan hu wkoll evidenti mill-proviso fl-istess disposizzjoni introdott "basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur". Effettivament l-estremi rikjesti għar-rikonvenzjoni skond l-imsemmi artikolu jikkonsistu fl-ispjega elokwenti li nsibu fid-`decizjoni klassika fuq din il-materja, riportata a Vol XXVII.i.895;

*(i) "nella comunanza di origine delle due cause", ovvero,*

*(ii) nella eliminazione reciproca delle due domande".*

F'din l-istess sentenza jissokta mbagħad jiġi puntwalizzat illi "*la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa,venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi.*"

Ġjaladarba fil-każ in ezami ma jokkorrux iċ-ċirkostanzi prospettati fl-artikolu tal-liġi surreferit, li tajjeb jiddefinixxi l-parametri li fihom setgħet issir ir-rikonvenzjoni u *di fronte* għal min fost il-kollitiganti fil-kawża, tali proċedura ma setgħetx tiġi utilizzata minn konvenut kontra konvenut ieħor fl-istess proċeduri. L-ebda licenzja ġuridika ma hi konċessa lill-Qorti biex tintroduċi jew tippermetti sitwazzjoni ġuridika innovattiva fis-sistema proċedurali tagħna[33].

L-anqas hija permessa kontro-talba kontra kjamat fil-kawża:

---

[33] Gasan Insurance Agency Limited v Simon Soler 22.11.2002 PA[PS].

Minn eżami tad-dispożizzjonijiet relattivi għar-rikonvenzjoni (art 396 et seq) jidher ċar illi l-kontro-talba tal-konvenut tista' ssir biss kontra l-attur u kwindi l-kontro-talba f'din il-kawża tal-konvenut in kwantu kontra Joseph Vella (li l-anqas biss kien fil-kawża meta saret il-kontro-talba u li ġie kkjamat fil-kawża wara) hija nulla – nullita' dina li l-Qorti tista' u anzi għandha tissolleva *ex officio* billi tirrigwarda materja ta' proċedura pubbliku.[34] -

B'danakollu, għalkemm il-kodici ritwali Taljan ma jgħid xejn fir-rigward, il-ġurisprudenza Taljana kienet ferm iktar liberali fir-rigward u, fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u tad-difiża sħiħa tal-kollitiganti, tammetti l-kontro-talba kemm minn konvenut kontra iehor kif ukoll minn kjamat fil-kawża:

*La domanda formulata da un convenuto nei confronti di un altro, ed avente ad oggetto l'accertamento della responsabilita' esclusiva del secondo rispetto alla domanda risarcitoria formulata dall'attore, va qualificata come domanda riconvenzionale e puo' essere proposta negli stessi limiti di quest'ultima (Cass. civ. Sez. I, 12 novembre 1999, n.12558).*

*Ai fini della competenza, debbono qualificarsi come domande riconvenzionali, e comportano percio` l'applicazione dell'art. 36 c.p.c., anche quelle proposte da un terzo interveniente contro una delle parti e dirette ad ottenere non gia` il rigetto dell'altrui*

[34] Georgina Vella v Emanuel Caruana 23.04.1986 QA (Clo Schembri, Hugħ Harding, C.A. Agius).

*domanda ma l'accoglimento nei suoi confronti di una propria pretesa, tale da costituire una controdomanda (Cass., 21 ottobre 1976, n.3716).*

**<u>It-test tal-Kodiċi ritwali Malti ma jgħid xejn fir-rigward ta' kontro-talba mill-atturi kontra l-kontro-talba tal-konvenut</u>**. L-anqas il-kodici proċedurali Taljan. Madanakollu, anke hawn proċedura bħal din hija permessa fil-liġi Taljana. Qatt ma jidher li nqalgħet il-kwistjoni f'Malta, u aktarx li l-fehma ġenerali fost l-avukati u l-imħallfin hi li tali procedura hija azzardata u mhix ammissibbli:

*L'attore che abbia assunto la veste di convenuto in conseguenza di domanda riconvenzionale puo' a sua volta avanzare domanda riconvenzionale nei confronti del convenuto (riconventio riconventionis), purche' tempestivamente nel primo atto difensivo successivo alla comparsa di risposta del convenuto (Cass. Sez.II, 13 maggio 1993, n. 5460; Cass. 3 dicembre 1991 n.12922).*

Kif ġja' aċċennat, **<u>terz ma jistax jagħmel kontro-talba.</u>** Għalhekk meta mara ġiet imħarrka għal danni minn ħabta bejn karozzi, żewġha ma setax jagħmel kontro-talba bħala sid il-karozza mahbuta kontra l-attrici[35].

Kjarament, il-Qrati Taljani interpretaw dan l-istitut b'mod wiesa anke fejn jidhlu s-soġġetti leġittimati, kuntrarjament għall-Qrati Maltin li adottaw pożizzjoni riġida matul is-snin.

---

[35] Francoise Chetcuti v Mary Friggieri 24.05.1991 Prim'Awla, Imhallef Anton Depasquale.

**KONTRO-TALBA MA' EĊĊEZZJONI ULTERJURI HIJA INAMMISSIBBLI.**

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa loġiku u evidenti li l-kontro-talba għandha ssir man-nota tal-eċċezzjonjiet "oriġinali" u mhux ma' nota tal-eċċezzjonijiet "ulterjuri" ... għaliex din tal-aħħar m'hi xejn, fit-termini tal-artikolu 158(10), ħlief emenda tan-nota tal-eċċezzjonijiet, jew f'każ li jgħaddi inutilment iż-żmien ta' 20 ġurnata min-notifika taċ-ċitazzjoni preskritt għall-preżentata tagħha skond il-liġi (art 158(1)), il-proċeduri bil-miktub preliminari għandhom jitqiesu li huma magħluqa (ara art. 158(1)), u għandhom japplikaw l-artikoli 151 u 152, kollha tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili . . . .

Illi mill-premess jitnissel li l-kontro-talba tal-konvenut nomine hija irritwali[36].

**MHIX PERMESSA KONTRO-TALBA KONTRADITTORJA GĦAL EĊĊEZZJONI.**

Illi għalkemm huwa minnu li fi proceduri bil-miktub f'materja ta' eċċezzjonijiet teżisti l-possibilita` li l-eccipjent jissolleva eċċezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jagħmel dan "bla preġudizzju", b'danakollu xorta waħda jibqa' dmir tal-parti

[36]Joseph Brownrigg noe v Frederick Heese et noe 03.04.1989 Qorti tal-Kummerċ (Imħ.Carmelo Scicluna).

eccipjenti li tara li f'dak li hija tkun qegħdha tasserixxi bil-gurament per via ta' eċċezzjoni ma jkunx hemm ħwejjeġ li huma manifestament konfliġġenti. Għalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ukoll l-eċċezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'certa teknika u ħila, dan ma jfissirx li parti f'kawża għandha titħalla tbiddel impunement att proċedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, agħar u agħar, fi strataġemma intiża biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-oħra. Fi kliem aktar sempliċi, kull parti għandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-gustizzja.

Fil-każ in ezami, jidher evidenti li l-parti konvenuta riedet tkun, kif jingħad bl-Ingliż "*too clever by half*". Fl-istess nifs li l-konvenuti qegħdin jiċħdu bil-ġurament tagħhom żewġ fatti speċifiċi, igifieri li huma rċevew in depożitu ammont ta' flus, kif ukoll numru ta' oġġetti tad-deheb mingħand l-atturi, qed jgħidu li jekk stess dan kien minnu (!) allura huma kienu "a loro volta" kredituri ta' l-atturi u li kemm-il darba tali talba da parti ta' l-atturi kellha tintlaqa', din għandha tiġi paċuta mal-kreditu pretiż minnhom.

Din il-Qorti wara li eżaminat akkuratament is-sentenza appellata, jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet altru milli korretta meta sabet li l-**<u>asserzjonijiet tal-konvenuti – kif jemanaw min-nota ta' eċċezzjonijiet u esposti mill-ġdid u b'izjed enfasi fit-talba rikonvenzjonali – bħala kontradittorji.</u>** Mhux hekk biss, imma l-

ewwel Qorti sabet ukoll li b'dak li qegħdin jasserixxu l-konvenuti għal fini ta' tpaċija – iġifieri li hemm żewġt idjun x'jigu paċuti ma' xulxin – li b'daqstant il-konvenuti kienu qegħdin effettivament jirrikonoxxu l-kreditu pretiż mill-atturi. Din il-Qorti hija pjenament konkordi ma' dak li ġie ritenut mill-ewwel Qorti.

L-iżball li bir-rispett kollu qegħdin jaqgħu fih l-appellanti fis-sottomissjonijiet tagħhom huwa dak li ma humiex jiddistingwu sew **bejn eċċezzjonijiet alternattivi għal xulxin minn oħrajn li huma konfliggjenti**. Di fatti, l-appellanti fir-rikors ta' appell tagħhom sahansitra jesprimu ruħhom hekk, "….sinċerament l-esponenti ma jarawx għalfejn ma għandux ikun permess li jingiebu eċċezzjonijiet konfliġġenti għal xulxin, basta jkun ċar il-kuntest; hija fil-fatt prassi regolari li dan isir, u rarament ma jitqajmux eċċezzjonijiet li jkunu b'xi mod alternattivi għal xulxin, bil-premessa li qed isiru 'mingħajr preġudizzju' għal xulxin"[37].

**Applikazzjoni tal-prinċipji legali għall-każ preżenti:**

Illi applikati s-suesposti prinċipji għal dan il-każ, filwaqt li l-attriċi għandha raġun meta tisħaq li l-kontrotalba mhix konnessa mat-talbiet tagħha la bl-istess kuntratt, la bl-istess titolu u lanqas bl-istess fatt (Art. 396(a)), mhix korretta meta tgħid ukoll li l-kontro-talba ma tistax tpaċi l-kreditu minnha mitlub, jew li jġib l-azzjoni tagħha fix-xejn, jew li jimpedixxi l-effetti tagħha (Art. 396(b)). Dan billi, jekk l-attur jirnexxilu jipprova l-kontro-talba (jew

[37] Gabriel Parnis v Joseph Cucciardi – 16.04.2004 QA(JSP–JDC-JAF)

talbiet) tiegħu, ikun jista' jpaċihom mal-kreditu pretiż mill-attriċi. Lanqas hu validu l-argument li l-konvenut ma talabx espressament it-tpaċija billi din tirriżulta b'mod ċar mill-kontro-talba tiegħu;

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi għall-kontro-talba tal-konvenut, u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż ta' din is-sentenza a kariku tal-attriċi.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA